MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1069/2006

**Sergio Sciberras**

**vs**

**Joseph Attard u b'digriet tas-26 ta' April, 2007, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Ruth Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mitejn, tmienja u tletin liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm 238.74), bilanc ta` somma akbar dovut mill-konvenut u rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u li sa llum mhux imhallsa, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura kollox

kontra l-konvenut u li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut illi ssolleva illi preliminarjament il-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut qatt ma ghamel ebda ordni ghal merkanzija minghand l-attur u wisq anqas qatt ma rcieva merkanzija minghand l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-atti kollha pprezentati f'din il-kawza.

Sema` x-xhieda ta' Charmaine Sciberras, Frank Galea u Joseph Attard.

Ra illi fis-26 ta' April, 2006, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Ruth Spiteri. Illi din giet notifikata fit-8 ta' Ottubru, 2007.

Illi t-Tribunal jinnota illi baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2007  li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fil-5 ta' Novembru, 2007, mill-Avukat Tonio Cachia u l-fatt li l-konvenuta kjamata in kawza naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset  li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Ruth Spiteri, l-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------